# MALTA MISSJUNARJA – L-20 PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Għal sentejn sħaħ, ir-rokna letterarja *L-Għana tal-Ġnus* kienet tidher kull xahar fil-*Paġna Għat-Tfal mill-Missjunarju x-Xiħ* bejn Jannar 1965 u Diċembru 1967. Peress li DAX kien responsabbli minn din il-paġna taħt il-psewdonimu ta' 'Il-Missjunarju x-Xiħ', aktarx li l-qlib għall-Malti ta' dawn l-għanjiet barranin kien isir minnu wkoll. Fejn stajt, ġbarthom fi gruppi skont is-suġġett jew il-poeta li jkun.

Il-fjur taċ-ċirasa huwa simbolu tal-kultura Ġappuniża. Is-siġra tagħha tagħmel żahar irqiq abjad għall-ħabta ta' Marzu/April u frott qisu boċċi tondi ħomor u jleqqu. Hija tagħmel il-fjuri fi żmien ir-Rebbiegħa li fih jinżamm il-festival ta' Hanami – l-arti ta' kif tħares lejn il-fjuri. Iżda, filwaqt li għaċ-Ċiniżi l-fjur taċ-ċirasa huwa biss simbolu ta' sbuħija u natura, għall-Ġappuniżi jissimbolizza l-innoċenza u l-ħajja tranżitorja. Barra minn hekk, skont leġġenda qadima ħafna, il-fjuri bojod tas-siġra taċ-ċirasa kienu saru roża b'demm il-ġellieda Samuraj stess.



Il-fjur taċ-ċirasa – simbolu kulturali Ġappuniż.

Fl-*Għana tal-Ġnus* niltaqgħu ma' tliet għanjiet b'rabta ma' fjur iċ-ċirasa: (1) **Ir-Ruħ tal-Ġappun** ta' Motori Norinaga (1730-1801)[1]: *"Jekk xi ħadd qatt isaqsi x'inhi r-ruħ tal-Ġappun: huwa l-fjur taċ-ċirasa li jfewwaħ ix-xemx hi u tqum."* (Sena XXXIII, Jannar 1965, nru.1, p.19); (2) **"Fjuri taċ-Ċirasa"** ta' Issa Kobayashi (1763-1828)[2]: *"Donnkom mis-sema / inżiltu qatra qatra, / tant intom sbieħ, / o fjuri taċ-ċirasa."* (Sena XXXIV, Jannar 1966, nru.1, p.23); (3) **L-Agħma** ta' Takarai Kikaku[3]: *Biex jitgħaxxaq biċ-ċirasa ffjurita / immexxi minn ommu ġej iċ-ċkejken agħma.* (Sena XXXIV, Diċembru 1966, nru.12, p.287).

Niltaqgħu wkoll ma' tliet għanjiet tradizzjonali: (1) *Il-banana huma sbieħ, oj! / Ejjew ħalli tixtru! / Huma sofor bħax-xemx, oj! / Ejjew ħalli tieħdu! / Fuq ix-xtut tax-xmara l-kbira / Huma bexxqu / Max-xemx tal-Indja misterjuża / Fetħu l-fjuri!*

---

[1] Dan il-poeta Ġappuniż kien skular fi ħdan l-iskola tal-filoloġija u filosofija Ġappuniża li nbdiet matul il-perijodu Tokugawa. Kien attiv ħafna fiż-żmien il-perijodu Edo. Huwa jitqies bħala wieħed mill-erbat irjus il-kbar tal-moviment akkademiku Kokugaku.

[2] Poeta Ġappuniż u qassis Buddist lajk tal-Jōdo Shinshū – l-iskola Buddista tal-Arti Pura – magħruf għall-ħajku u l-ġurnali li jittrattaw suġġetti speċjalizzati. Magħruf aħjar sempliċiment bħala Issa, isem tal-pinna li jfisser 'Kikkra Te'. Jitqies bħala wieħed mill-erba' mgħallmin tal-ħajku fil-Ġappun flimkien ma' Bashō, Buson u Shiki.

[3] Magħruf ukoll bħala Enomoto Kikaku, poeta Ġappuniż tal-ħajku u wieħed fost l-aqwa dixxipli ta' Matsuo Bashō. Missieru riedu jilħaq tabib bħalu, iżda minflok, ibnu għażel li jsir poeta professjonali tal-ħajku – xorta ta' poeżija magħmula minn tliet versi mqassmin b'dan il-mod: tal-ewwel b'ħames sillabi, it-tieni b'sebgħa, u t-tielet mill-ġdid b'ħamsa.



Bejjiegħ Indjan tal-banana.

[L-għana tal-bejjiegħa tal-banana u tamar Indjani] (Sena XXXIII, Lulju 1965, nru.7, p.139); (2) *"L-art tagħna, l-art tagħna, din hija, / l-art tagħna, ja aħwa. / 'Il fuq l-Imalaja u 'l isfel il-baħar, / muntanji tal-għaġeb, muntanji / fil-lvant u l-punent. / Ja l-aħwa, muntanji tal-għaġeb."* [Għanja li t-tfal kollha Indjani jitgħallmu l-iskola] (Sena XXXIII, Awwissu 1965, nru.7, p.159) (3) *Fis-sema l-qawsalla, / u fjur kullimkien; / blanzuni sbieħ imlewna / f'dal-gżejjer hekk ħelwin.* (It-tieni strofa hija settenarja) *Bil-lejl ix-xita nieżla / u l-fwieħa ta' mal-jum; / fejn qatt tinsab art oħra / Bħal Samoa fil-ġmiel?* [Għanja tal-Gżejjer Samoa][4] (Sena XXXIII, Settembru 1965, nru.9, p.179).

Żewġ għanjiet oħrajn, li għandhom mill-istess versi, huma pinna ta' Kubutsu Otani[5] : *"Tfajjel li b'ħalqu mbexxaq / jitnikker jitgħaxxaq bil-fjuri: / għid: Dan huwa anġlu tas-sema!"* (Sena XXXIII, Ottubru 1965, nru.10, p.203); **Tfajjel**: *Tfajjel li b'ħalqu miftuħ / jieqaf jara l-fjuri: / dan huwa l-Buddha.*[6] (Sena XXXV, Jannar 1967, nru.1, p.20). Ma' dawn nistgħu nżidu oħra bl-isem ta' **Tfajjel Mejjet**: *Għadu hekk żgħir it-tfajjel tiegħi / li ma jafx isib it-triq! / O Messaġġier tad-dinja l-oħra / ismagħni: jekk inħallsek / iġġibuli fuq spallejk?* [Għanja tal-poeta Ġappuniż Yamanoe No Okura[7]] (Sena XXXIII, Novembru 1965, nru.11, p.227).

Hemm imbagħad għadd t'għanjiet b'tema astratta: (1) **Sentimenti**: *Qiegħda tonxor il-kimono*[8] */ taċ-ċkejken tagħha / iktar fil-għoli / minn dak tal-papà* [Anon] (Sena XXXIV, Frar 1966, nru.2, p.47); (2) Ħemda: *Fuq l-għadira mejta / il-ħoss ta' żringa li qed togħdos.* [Basho Matsuo – poeta Ġappuniż] (Sena XXXIV, Lulju 1966, nru.7, p.167); (3) **Skiet**: *O x'sikta fix-xagħri! / Mingħajr għasfur fl-ajru. / Għoljiet ramel somor. / U 'l bogħod, 'il bogħod ħafna / it-truf ta' dax-xagħri. / Fuq naħa u fuq*

[4] Il-gżejjer ta' Samoa qegħdin ġon-Nofsinhar tal-Paċifiku u jiffurmaw parti mill-Polinesja u l-usa' reġjun tal-Oċeanja. F'dik li hija amministrazzjoni, l-arċipelagu jħaddan l-Istat Indipendenti ta' Samoa u l-parti l-kbira ta' Samoa tal-Amerika.

[5] Poeta Ġappuniż tal-ħajku u qassis Buddist. Kien it-23 patrijarka tat-tempju Higashi Honganji fi Kyoto.

[6] Il-vers tal-aħħar ifisser: il-perfezzjoni tal-bniedem.

[7] Poeta Ġappuniż, magħruf l-aktar għall-ktieb ta' poeżija tat-tfal u taċ-ċittadini komuni. Kien membru tal-missjonijiet Ġappuniżi lejn iċ-Ċina Tang u kontributur għall-Man'yōshū – l-eqdem ġabra li teżisti tal-waka Ġappuniża (tip ta' poeżija fil-letteratura klassika Ġappuniża) – fejn kitbietu kellha influwenza qawwija Ċiniża.

[8] Libsa ta' fuq twila u dejqa tal-ħarir/drapp ħafif ieħor bi kmiem qsar wesgħin li tintrabat mill-qadd b'ċoff.

*oħra / tal-palm hawn is-siġar; / Fuq ir-ramel imdieheb / għeliem tal-imrieħel. / Djar ċkejkna tat-tfal / jinħbew qalb is-siġar. / Hu kbir u hekk wisa' / ix-xagħri bħal baħar. / U l-iġmla f'dal-baħar / għaddejja mgħobbija.*[9] (Sena XXXIV, Settembru 1966, nru.9, p.215); (4) **Ir-Ruħ tax-Xemx**: *"Kemm kienet tkun ħaġa sabiħa / Li kieku l-bnedmin kellu jkollhom / Ruħ* tixbah lil dik tax-xemx tielgħa / *Filgħodu, fis-sema kaħlani!"* [Mutsu Hito, Ġappuniż] (Sena XXXV, Lulju 1967, nru.7, p.166); (5) **Uġigħ ta' Qalb**: *Inqatgħet il-ħajta tat-tajra*[10] / *U taret lil hinn mill-għadira; / Maqsuma din qalbi, xħin nilmaħ il-gżira, / Il-gżira t'hemm isfel, li le ma tridni!* [Għanja Batak[11] Indonesja] (Sena XXXV, Novembru 1967, nru 11, p.262); (6) **Fidi**: *Int qed tgħid li mill-għadira / ma tistax taqbad il-qamar. / Għala qatt? M'għandekx il-ħila? / Aqbad ġo idejk ftit ilma / u ġo idejk issib il-qamar.* [Poeta Ġappuniż mhux magħruf] (Sena XXXV, Frar 1967, nru.2, p.38).



It-tajr f''Uġigħ ta' Qalb', għanja Indonesjana.

Fil-ħarġa ta' Mejju tal-1966 dehret għanja dwar l-omm: *"MAMMA / ix-xagħar li għandi / maħlulin fuq irkubbtejk / huma bħal eluf u eluf / ħjut tal-ħarir / li inti tajtni rigal."* [Il-kittieba hija poetessa għadha ħajja Ping Sing – Ċiniża] (Sena XXXIII, Mejju 1965, nru.5, p.99). L-istess għanja dehret sena wara: **Mamma**: *Mamma: / Ix-xagħar sbejjaħ tiegħi / li hemm maħlul fuq irkobbtejk / huwa bħal eluf u eluf ħjut tal-ħarir / li inti irregalajtli.* [Ping Sing, poetessa Ċiniża li għadha ħajja] (Sena XXXIV, Mejju 1966, nru.5, p.119). Mill-banda l-oħra, fil-bidu tar-Rebbiegħa tas-sena ta' wara dehru żewġ għanjiet oħrajn: (1) *Minn taħt is-silġ / li r-riħ sħun iħoll, / ir-ragħwa bajda / tal-ilma li qed iqum / huwa l-ewwel fjur / tar-Rebbiegħa / li qiegħda tibda.* [Kimmochi Saionji][12] (Sena XXXV, Marzu 1967, nru.3, p.68); (2) **April**: *Huwa / in-nifs t'April / li, / bil-ħlewwa kollha / iqajjem il-petali tal-ġilju*[13] [Poeżija antika anonima t'awtur Korean] (Sena XXXV, April 1967, nru.4, p.94). ■

[9] Huma l-ħsibijiet ta' tifla tad-deżert imdorrija tara l-firxa kbira tar-ramel.

[10] It-tajra hija oġġett magħmul mill-karti u l-qasab li jtajru t-tfal miżmuma minn lenza. Ġieli tissejjaħ ukoll manoċċa jew ħamiema.

[11] Terminu kollettiv li jintuża biex jidentifika għadd ta' gruppi etniċi Awstronesjani li jiġu mill-qrib ta' xulxin li jinsabu b'mod predominanti fit-Tramuntana ta' Sumatra, l-Indonesja, li jitkellmu l-lingwi Batak.

[12] Politiku magħruf u ta' ħila li serva bħala Prim Ministru tal-Ġappun bejn l-1906 u l-1908, u bejn l-1911 u l-1912. Fl-1920 tgħolla minn markiż għal prinċep.

[13] Xitla u l-fjura tagħha tinbet minn basla u twarrad abjad f'Mejju magħrufa wkoll bħala l-Ġilju tal-Madonna.